MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 346/2008

**Attard & Co (Imaging) Limited – C38851**

**Vs**

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited C6404**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmint elef, mija u tmienja u tmenin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€8,188.83) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta (kopja statements Dok A u Dok B).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 3047/08 u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti kif ukoll dak markat Dok B a fol 3 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fis-16 ta' Frar 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €8,188.83 bl-imghax legali "a scaletta" skond l-annessi dokumenti markati "Dok A" u "Dok B" a fol 2 u fol 3 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 3047/08, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------